MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 29/1967/1

**Rikors numru 29/67DM**

**Avukat Dr. John Pullicino LL.D. bhala Kummissarju ta' l-Art**

**Vs**

**Nobbli Chevalier Alexander Apap Bologna ; Nobbli Dr. Felix Apap Bologna ; Nobbli Adelina xebba Apap Bologna ; Nobbli Contessa Maria Teresa Deguara Caruana Gatto mart Joseph Deguara minnhu assistita ; Nobbli Peter, Michael u Anna Maria xebba, ahwa Apap Bologna ; Nobbli Markiz John Apap Bologna ; Nobbli Anthony Apap Bologna, L.P., B.A., Nobbli Louis u Joseph Apap Bologna ; Nobbli Baruni Jerome Depiro D'Amico Inguanez ; Nobbli Barunessa Marie armla Trapani Galea ; Nobbli Monika mart il-Kurunell John Nelson minnhu assistita ; Charles Sammut bhala prokuratur ta' l-assenti Nobbli Cecilia, mart il-Professur John Pick ; Nobbli Agatha xebba Formosa Gauci u Maria Carmela mart Robert**

**Debattista minnhu assistita u b'digriet tat-13 ta' April, 1992, stante l-mewt ta' Alexander Apap Bologna, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna tal-Professur Carmel Apap Bologna, u b'digriet tad-19 ta' Frar, 1993, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Baruni Iginio Trapani Galea Feriol, Emily u Dorothy xebbiet ahwa Trapani Galea, Marlene mart Edgar Huber u Nathalie mart Antoine Bianchi stante l-mewt ta' Barunessa Marie Trapani Galea u b'digriet tad-19 ta' Frar, 1993, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni tat-Tabib Dr. Carmel Apap Bologna u Marlene Attard Montalto ulied il-mejjet Alexander Apap Bologna (2) Elizabeth Marina u Christine Apap Bologna, ulied il-mejjet Tabib Dr. Felix Apap Bologna (3) il-Magistrat Dr. Joseph u Louis Apap Bologna u l-istess Louis bhala mandatarja ta' John u Anthony Apap Bologna assenti, ilkoll ulied il-mejjet Dr. Philip Apap Bologna ; (4) Peter Michael Apap Bologna u Anna Vassallo Cesareo ulied il-mejjet Mario Apap Bologna stante l-mewt ta' Adelina Apap Bologna, u b'digriet tad-19 ta' Frar, 1993, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Elizabeth, Marina u Christine ahwa Apap Bologna stante l-mewt ta' missierhom it-Tabib Dr. Felice Apap Bologna u b'digriet ta' l-24 ta' Settembru, 1996, stante l-mewt tal-Baruni Jerome Depiro D'Amico Inguanez il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Nicholas de Piro, Madelaine mart John O' Comell, Mary mart Simon Bailey, Elizabeth mart Ralph Bianchi, Margaret mart Paul Bianchi, u b'digriet ta' l-10 ta' April, 1997, stante l-mewt ta' Cecilia Pick il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' l-Avukat Dr. Francis Lanfranco bhala prokuratur ta' l-imsiefrin Edward Zimmermann Barbaro of Saint George, maghruf bhala St. George, James Charles Barbaro St. George, Mark Edward St. George, David Anthony St. George u Christopher Henry St. George, u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2003, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' l-Avukat Dottor Francis Lanfranco stante l-mewt ta' Maria Carmela sive Carmelina Debattista.**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors fejn Dr. John Pullicino LL.D. bhala Kummissarju ta’ l-Art wara li ppremetta illi :

1. B’ittra ufficjali tal-5 ta’ April, 1967, l-intimati gew notifikati b’kopja ta’ zewg dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Generali fejn gie dikjarat illi l-bictejn art f’Wied il-Ghajn hawn taht dirkritta huma mehtiega ghal skop pubbliku u li l-akkwist taghhom ghandu jsir b’xiri assolut : il-bicctejn art li ghalihom saret referenza hawn fuq huma dawn (1) bicca art tal-kejl ta’ hames titmien, erba’ sieghan u tlett kejliet (5T. 4S. 3K.) li tmiss mill-Grieg it-Tramuntana , mill-Punent-Majjistru u minn Nofs in-Nhar-il-Lbic mal-bqija ta’ l-art li minnha taghmel parti ; u (2) bicca art tal-kejl ta’ tomna, tlett sieghan u punt decimali tnejn u sebghin kejliet (1T. 3S. 0.72K.) tmiss mit-Tramuntana u mill-Grigal ma’ proprjeta’ tas-Sinjura Helen Magri u minn Nofs in-Nhar u mil-Lbic mal-bqija ta’ l-art li minnha taghmel parti.

*2.* L-intimati gew ukoll notifikati bl-Avviz ghall-ftehim fejn gie dikjarat li l-kumpens li l-awtorita’ hija lesta biex thallas lilhom, ghax-xiri assolut bhala franki u liberi ghall-bictejn art hawn fuq imsemmija hu ta’ erba’ mija u seba’ u hamsin lira (Lm457) ghal bicca art hawn fuq indikata taht *item* Nru. 1 u ta’ mija u ghoxrin lira, dsatax-il xelin u zewg soldi (Lm120.19.2d.) ghal bicca art indikata taht *item* Nru. 2.

*3.* L-intimati b’ittra ufficjali tat-22 ta’ April, 1967, iddikjaraw li ma jaccetawx il-kumpens offert lilhom u talbu bhala kumpens is-somma ta’ tlett elef u tlett mitt lira ghal bicca art immarkata (1) u disa’ mitt lira ghall-bicca art immarkata (2).

Talbu li dan il-Bord jordna lill-intimati li jitrasferixxu a favur ta’ l-esponent nomine, b’titolu ta’ xiri assolut, il-bicctejn art kif ahjar diskritta izjed il-fuq, jiffissa l-kumpens relattiv u jaghti provvedimenti kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kapitolu 136).

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Nobbli Chevalier Alexander Apap Bologna u ta’ l-intimati l-ohra kollha fejn esponew illi :

1. Il-kumpens xieraq ghall-esproprjazzjoni ta' l-artijiet in kwistjoni hija dik mitluba mill-intimati, u cioe' tlett elef u tlitt mitt lira (Lm3,300) ghall-bicca art immarkata (1) u disa' mitt lira (Lm900) ghall-bicca art immarkata (2) fir-rikors.

Ghalhekk jitolbu, prevja adizzjoni ghall-ewwel talba, li dan il-Bord joghgbu jiffissa dan il-kumpens bhala kumpens xieraq.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esibiti;

Ra l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidra illi:-

Skond ir-relazzjoni tal-periti assessuri, hawn annessa bhala parti integrali ta' din id-decizjoni, wara li gew mehuda in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jinfluwixxu fuq ix-xiri assolut kif regolat mill-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici, jistma' art esproprijata bil-mod li gej:

1) In kwantu ghall-porzjoni ta art indikata bl-ittra (a) fil-kuntrada denominata « Ta Zlielaq sive Ta Monita » tal-kejl ta' hames titmien, erba' sieghan u tlett kejliet (5T. 4S. 3K.) li tmiss mill-Grieg it-Tramuntana , mill-Punent-Majjistru u minn Nofs in-Nhar-il-Lbic mal-bqija residwa ta' l-art li minnha taghmel parti, esproprjata ukoll, fis-somma, libera u franka, fis-somma ta **elf tmin mija u tletin lira Maltin (LM1830)** ; u

2) In kwantu ghall-porzjoni ta art indikata bl-ittra (b) fil-kuntrada denominata « Ta Zlielaq sive Ta Monita » tal-kejl ta' bicca art tal-kejl ta' tomna, tlett sieghan u punt decimali tnejn u sebghin kejliet (1T. 3S. 0.72K.) li tmiss mit-Tramuntana u mill-Grigal ma' proprjeta' tas-Sinjura Helen Magri u minn Nofs in-Nhar u mil-Lbic mal-bqija ta' l-art li

minnha taghmel parti, libera u franka, fis-somma ta **erba mija u hamsa u tmenin liri Maltin (LM485)**.

Ghaldaqstant, jilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors, u jordna favur ir-rikorrenti it-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut bil-valuri hawn fuq iffissati, tal-imsemmija artijiet u jinnomina lin-Nutar Dr Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jghamel minfloku biex jippubblika l-att relattiv fis-17 ta' Marzu 2006 fit-3.00 p.m. fl-ufficju tar-rikorrent u jinnomina lill-Avukat Dr. Simon Cachia sabiex jidher ghall-kontumaci fuq l-att.

L-ispejjes ta' din il-procedura u dawk tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------